MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 337/2014

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Raymond Grima**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-8 ta' Ottubru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma

ta’ hdax-il elf, tlett mija u ghoxrin ewro u disgha u sebghin centezmu (€11,320.79) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” tieghu mal-Bank of Valletta plc (Dok. “A1 sa A3”, Dok. “B1 sa B3”, Dok. “C1 sa C3” u Dok. “D1 sa D4”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mid-29 ta’ Awwissu 2014 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema loans gew moghtija lilu permezz ta’ erba’ skritturi privati datati 7 ta’ Marzu 2002 (Dok. “E”), 4 t’April 2002 (Dok. “F”), 6 ta’ Lulju 2002 (Dok. “G”) u 10 ta’ Marzu 2003 (Dok. “H”).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati (Dok. “E”, “F”, “G” u “H”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Raymond Grima (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Dicembru 2013 (Dok. “I”).

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxall Eugenio Mallia datata 16 ta’ Dicembru 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur (fol. 44 tergo). Inoltre dakinhar thalliet kopja tar-rikors promotur fil-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar u fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Pawl il-Bahar.

Rat illi il-konvenut gie notifikat dwar ir-rikors permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-6 ta' Jannar 2015 (fol. 45) u fil-gazzetta lokali L-Orizzont nhar il-15 ta' Jannar 2015 (fol. 47)

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2015 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-21 ta' Jannar 2015.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, tlett mija u ghoxrin ewro u disgha u sebghin centezmu (€11,320.79), ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 2013 kontra l-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------